MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 5/2007/1

**Lilian Micallef Eynaud u Mary Ellis**

**vs**

**Albert Falzon Santucci**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Frar, 2008, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Bord.
>
> Ra r-rikors promutur taht il-firma tal-Avukat Dr. Simon Tortell u l-Avukat Dr.Michael Psaila li jghid hekk:
>
> “Illi huma jikru lill-intimat il-*garage* enumerat 19, Guze Howard Street, Sliema, bil-kera ta’ tmenin

lira Maltija fis-sena, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem;

Illi dan il-garaxx jinsab kontigwu ghal dar enumerata 33, St. Jude, Sir Arturo Mercieca Street, gia New Street, Sliema, liema dar kienet mikrija mir-rikorrenti lill-intimat u kienet isservi in parte ta' *auction rooms* u in parte ta' mahzen ghall-ghamara li kienet ser tinbiegh bl-irkant mill-intimat fl-istess *auction rooms;*

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Jannar, 2006 giet ikkonfermata d-decizjoni ta' dan il-Bord (Rikors numru 53/02 JC) fejn gie ordnat l-izgumbrament tal-intimat minn dik id-dar;

Illi galadarba l-intimat gie zgumbrat mid-dar, isegwi illi m'ghadz ghandu bznn il-*garage* fuq imsemmi, u b'hekk l-istess *garage* ma jistax jintuza ghall-iskop li ghalih kien inghata b'titolu ta' kera;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizahom jirriprendu l-pussess ta-garage li jinsab fin-numru 19, Guze Howard Street, Sliema u tikkundanna lill-intimat jizgombra mill-imsemmi fond fi zmien qasir u perentorju li jiffissa dan i-Bord;

Ra ir-risposta tal-intimat Albert Falzon Santucci taht il-firma ta' l-Avukat Dr. Tonio Grech u l-Avuakt Dr. Lorna Mifusd Cachia li tghid:

1. Illi preliminarjament, il-mertu tar-rikors promotorju diga' gie deciz fil-proceduri fl-ismijiet Lilian Micallef Eynaud et vs Albert Falzon Santucci (Rikors Nurmu 54/02/JC u jikkostitwixxi *res judicata* u ghalhekk l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;
2. Illi preliminarjament ukoll, l-irritwalita' tar-rikors promotorju in kwantu dan ir-rikors huwa

palezement intiz sabiex jimpunja sentenza ta’ dan l-Onorabbli Bord illi ghaddiet in gudikat meta l-istess rikorrenti naqsu milli jezercitaw r-rimedji kollha illi skond il-ligi jispettawh u ghalhekk it-tala tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-Onorabbli Bord ghandu jichad it-talba kontenuta fir-rikors promotorju stante illi huwa assolutament infondat illi l-garage ma jistax jintuza ghall-iskop illi ghalih kien inghata b’titolu ta’ kera, tant illi l-garage ghadu jintuza bhala mahzen sallum u dan sabiex tinzamm l-ghamara ta’ terzi b’rabta ma’ l-ezercizzju tal-professjoni illi jezercita l-istess esponenti, u cioe l-professjoni ta’ *auctioneer.* Ghaldaqstant, it-taba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda minn dan l-Onorabbli Bord bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Semgha lill-partijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors kompriz in-nota tal-intimat li permezz taghha esebixxa kopja tad-decizjoni ta’ dan il-Bord fl-istess ismijiet bin-numru 54/02 JC u konferma tar-Registratur tal-Qrati illi ma kien hemm ebda appell minn din id-decizjoni;

Ikkonsidra:

Illi din hija decizjoni dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat;

Illi fit-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni ta’ *res judicata* il-Qrati taghna jirritjenu illi biex tirnexxi din l-eccezzjoni jehtieg l-konkorrenza ta’ tlett elementi u cioe’ *eadem res, aedem personae* u *eadem causa petendi.* (ara f’dan ir-rigward **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et PA 25.9.2003**, Digriet fl-atti tal-**Mandat ta’Inibizzjoni 3639/00 RCP 8/1/02 Av. Joseph M Sammut vs Tat-Taljan Co Ltd** per Onor. Mhallef R.C.Pace u **Joseph Caruana et vs Amelia Emanuela Ruggiet et App. Civ 14/7/04.**

***Eadem Personae:*** Huwa pacifiku illi il-kaz in dizamina jirrigwarda l-istess partijiet fil-kaz gia deciz bin-numru 54/2002 JC u ghalhekk aktar diskors fuq dan il-fatt ikunu superfluwu;

***Eadem Res:*** Ir-rikors in dizamina kif ukoll dak fuq citat huma dwar l-istess fond u cioe il-*garage* 19, Guze Howard Street, Sliema mikri mir-rikorrenti lill-intimat bir-rata ta' tmenin lira fis-sena pagabbbli kull sitt xhur bil-quddiem. Ghalhekk hawn ukoll tezisti l-istess identita' bejn l-oggett mertu tal-kawza gia deciza u dik in dizamina;

***Eadem causa petendi:*** Huwa dwar dan l-element illi b'mod generali iqumu l-aktar diffikultajiet u dan il-punt kien trattat *in extensio* mill-Qrati taghna. Dawn it-tlett elementi jehtieg li jikkonkorru flimkien sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-gudikat ghalhiex altrimenti *nisi omnia concurrunt, alia res est* . Fil-kawza **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et PA 25.9.2003**, kien sar ezami profondit dwar x'jammonta ghall-istess mertu (*eadem causa petendi*) u s-segwenti siltiet jimmeritaw li jkunu hawn riprodotti ghall-ahjar intendiment:

Illi qabel ma l-Qorti tqis dawn iz-zewg pozizzjonijiet, tosserva li gie wkoll ghadd ta' drabi mfisser li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat

Illi dan it-taghlim gie mfisser u mtenni wkoll b'mod car hafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawza fl-ismijiet *Grima vs Fava et* li ghaliha u r-rassenja ta' gurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jinghad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u mpossibilita' ta' ko-ezistenza, allura jirrikorri r-rekwizit tal-identita' tal-oggett li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eccezzjoni tal-gudikat;

Ghahekk fuq dan l-insenjament jehtieg ezami bejn il-premessi li sejsu l-ewwel procediment quddiemu konkluzi bis-sentenza tas-27 ta'April 2005 u l-procediment odjern. Fl-ewwel kaz, ir-rikorrenti kienu talbu r-ripresa tal-fond ghas-segwenti ragunijiet:

"Illi l-intimat qieghed juza l-garage xort'ohra minn dak li ghalih inkera billi qieghed juza l-garage bhala mahzen tal-mobbli, liema mobbli jikkostitwixxi l-materja prima tan-negozju tieghu, li hu dak ta' irkantatur;

"Illi inoltre, l-intimat ghamel tibdil strutturali fil-fond minghajr il-permess tas-sidien, billi saqqaf terazzin li qieghed jintuza ukoll sabiex jahzen il-mobbli fuqu;

"Illi dan il-garage jinsab kontigwu ghal dar enumerata 33, "St. Jude", Sir Artura Mercieca Street, gia New Street, Sliema, mikrija mill-prezenti rikorrenti lil prezenti intimat, liema dar qed tintuza in parte ghall-iskop ta' auction rooms u in parte ta' mahzen ghall-istess ghamara, kif ukoll bhala ufficcju tal-istess intimat, dwar liema dar hemm pendenti kawza quddiem dan l-Onorabbli Bord ghall-izgumbrament tal-istess intimat minhabba f'nuqqas kbir ta' manutenzjoni ordinarja;

Illi l-premessi tar-rikors odjern huma s-segwenti:

"Illi dan il-garaxx jinsab kontingwu ghal dar enumerata 33, "St. Jude", Sir Arturo Mercieca Street, gia New Street, Sliema, liema dar kienet

isservi in parte ta' *auction rooms* u in parte ta' mahzen ghall-ghamara li kienet ser tinbiegh bl-irkant mill-intimat fl-istess *auction rooms*;

"Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Jannar, 2006 giet ikkonfermata d-decizjoni ta' dan il-Bord (Rikors numru 53/02 JC) fejn gie ordnat l-izgumbrament tal-intimat minn dik id-dar;

"Illi galadarba l-intimat gie zgumbrat mid-dar, isegwi illi m'ghadx hemm bzonn il-*garage* fuq imsemmi, u b'hekk l-istess *garage* ma jistax jintuza ghall-iskop li ghalih kien inghata b'titolu ta' kera".

Illi minn paragun bejn dawn iz-zewg procedimenti tirrizulta premessa komuni: min-naha wahda li l-intimat qed juza l-fond mhux ghall-iskop mikri u minn naha 'l ohra li dan il-fond ma jistax jintuza ghall-iskop mikri issa li l-intimat kien ordnat jizgombra mill-fond ukoll lilu mikri li jmiss mal-imsemmi garage. Dawn il-premessi huma simili u kontradditorji fl-istess hin u oltre dan jirrizulta illi l-azzjoni ahharija u cioe' dik odjerna mhix proponibbli ai termini tal-Kap 69. Frankament, it-talba ghar-ripreza f'dan ir-rikors hija wahda pjuttost insolita. Il-Bord qed jifhem illi l-intimat jikri minghand ir-rikorrenti dan il-garage u sa ftit zmien ilu kien jikru ukoll fond kontigwu. Issa li l-fond kontigwu ittiehed lura mir-rikorrenti, dan qed jalludi li l-garage ma jistax jibqa' jintuza u per konsegwenza ma jistax jintuza ghall-iskop li ghalih kien inkera. Din il-premessa mhux biss hija insolita izda assurda u impossibbli. Kien ghalhekk li l-Bord iccita mis-sentenza fuq citata fejn fil-parti dispositiva taghha tghid: "

jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u mpossibilita' ta' ko-ezistenza, allura jirrikorri r-rekwizit tal-identita' tal-oggett li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eccezzjoni tal-gudikat;

Illi ghalhekk hemm l-identita’ mehtiega ukoll fir-rikwizit *eadem causa petendi* fiz-zewg proceduri u b’hekk l-intimat issodisfa r-rekwiziti kollha fl-eccezzjoni tieghu tal-gudikat.

Ghal dawn il-mottivi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-intimat;

Illi it-tieni eccezzjoni hija konsegwenza tal-ewwel eccezzjoni fejn jirrizulta illi r-rikorrent kien naqas milli juza r-rimedji opportuni biex jimpunja sentenza kontra tieghu, liema rimedju illum m’ghadux miftuh ghalih stante li r-rikors 54/02JC ghadda in gudikat. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni hija ukoll milqugha;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat, jichad it-talba tar-rikorrenti u jillibera lill-istess intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.”

L-appell tar-rikorrenti huwa principalment fuq l-eccezzjoni tal-gudikat u l-eccezzjoni ta’ l-irritwalita` tar-rikors promotur sollevati mill-kontroparti kif mill-Bord akkolti. Sostanzjalment, huma jikkontestaw lill-Bord illi dan injora sentenza tal-Bord konfermata in sede Appell (Rikors Nru. 53/02) li biha l-intimat gie zgumbrat mit-terran u wkoll il-kontenut tas-sentenza ta’ l-istess Bord (Rikors Nru. 54/02) ghall-iskop tad-distinzjoni ma’ l-istanza odjerna ghal dak li jirrigwarda l-premessi tat-talba. Huma jikkontendu wkoll illi f’kull kaz kien hemm tibdil fic-cirkustanzi miz-zmien tal-gudikat tal-Bord;

Mill-atti tal-kawza jidher li l-pern kollu tal-punt kontrovertit kellu dawn l-antecedenti. B’rikors Numru 54/02 intalab mis-sidien l-izgumbrament ta’ l-intimat mill-garaxx 19 Guze Howard Street, Sliema, in bazi ghal kawzalijiet tat-

tibdil tad-destinazzjoni tieghu u ta' alterazzjonijiet strutturali minghajr il-kunsens tas-sidien. Din it-talba giet michuda mill-Bord b'sentenza tas-27 ta' April, 2005 li minnha r-rikorrenti appellanti ma appellawx. Flimkien ma' din il-kawza kien hemm rikors iehor miexi (Nru. 53/02) b'talba ghall-isfratt ta' l-istess intimat mill-fond 33 Triq il-Gdida, Sliema. Id-decizjoni tal-Bord, akkoljenti din it-talba, gie finalment konfermat minn din il-Qorti kif presjeduta b'sentenza tal-11 ta' Jannar, 2006;

Issa bl-azzjoni odjerna l-istess rikorrenti qeghdin jippretendu illi l-istess intimat ghandu jiigi sfrattat mill-garaxx imsemmi ghaliex, in vista ta' dik id-decizjoni l-ohra li zgumbratu mit-terran, huwa m'ghadx ghandu bzonn l-istess garaxx ghax dan ma jistax jintuza ghall-iskop li ghalih inkera in kwantu accessorju ghall-irkantijiet ta' mobbli mahzuna fih li kienu jinbieghu mit-terran. Taht dan il-profil huma jiccensuraw lill-Bord li ma kienet tezisti ebda "kontradizzjoni" u lanqas "impossiblita` ta' ko-ezistenza" bejn it-talba taghhom fil-kawza odjerna u dak deciz bl-imsemmija sentenza tal-Bord tas-27 ta' April, 2005. Agguntivament, l-istess rikorrenti jikkritikaw lill-Bord illi dan naqas milli japprezza t-tibdil tac-cirkustanzi minn zmien din is-sentenza sa l-intavolar tal-procedura istanti u li huma jikkwalifikaw bhala "kbir";

Ma jidherx li ghandu jkun kontrovers jew disputat illi sentenza titqies li ghaddiet in gudikat meta din ma hijiex aktar miftuha ghall-appell jew soggetta ghar-revokazzjoni ghal xi wahda mir-ragunijiet kalendati fl-istitut tar-ritrattazzjoni. Dan huwa sew logiku sew guridiku in omagg ghall-principju tac-certezza tad-dritt. Jinghad, difatti, illi "sentenza li ghaddiet *in giudicato* jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed tigi mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – *res judicata pro veritate habetur*" ("**Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan *et***", Appell Kummercjali, 5 ta' Novembru, 1934). Ragonevolment, din l-istess sentenza ma naqsetx milli tavverti illi l-eccezzjoni tal-gudikat hija *strictissimae interpretationis* u, allura, f'kaz ta' dubju l-gudikant ghandu

jaqta' kontra dik l-eccezzjoni. Ara wkoll "**Frans Sammut -vs- Paul Caruana**", Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 1997;

Premessa din l-introduzzjoni qasira, il-gurisprudenza hi, tista' tghid, konkordi filli tirritjeni illi in linea ta' principju generali "huwa mehtieg biex tigi validament sostenuta l-eccezzjoni tar-*res judicata* illi l-punt kontrovers tal-kawza jkun l-istess, u dan mhux biss ghaliex it-talba tkun identika ... imma wkoll li l-fatti li jkunu jipprovdu u li jkunu premessi ghal dik it-talba jkunu sostanzjalment l-istess. Mhux bizzejjed allura l-*causa petendi* trid tkun identika, imma aktar importanti hu li tirrizulta l-*eadem res*. Dan ghaliex waqt li t-talba hi l-finalita` ta' l-azzjoni huma l-premessi taghha li jiddeterminaw il-kawzali li jimmotivaw tali talba. Hu minn dawn il-kostatazzjonijiet ta' fatt li jemergi l-elementi ta' l-identita ta' l-oggett fiz-zewg kawzi u li jrid jigi strettament sodisfatt biex tigi milqugha l-eccezzjoni tar-*res judicata*" ("**Giuseppe Mizzi *et* -vs- Joseph Sacco**", Appell, 31 ta' Mejju, 1996);

Jinzel minn dan illi min jafferma l-passagg f'gudikat ta' sentenza moghtija f'gudizzju iehor ghandu jiddemostra dan mhux permezz tas-semplici esebizzjoni tas-sentenza l-ohra jew, ukoll, ghaliex dik is-sentenza ma gietx impunjata permezz ta' l-istrumenti procedurali disponibbli, izda billi, b'mod konvincenti, jikkonnetti l-elementi kollha tar-*res judicata* ghat-talba riproposta ta' l-izgumbrament;

Fir-risposta ta' l-appell tieghu l-intimat jissottometti illi t-tliet rekwiziti bazici ghas-sostenn ta' l-eccezzjoni tal-gudikat minnu sollevata jissussistu kollha f'dan il-kaz. Huwa jargomenta a propozitu ta' l-element tal-*causa petendi* illi strettament it-talba ta' l-izgumbrament fl-azzjoni prezenti hi mill-appellanti arginata fuq l-identika kawzali tal-"bdil fid-destinazzjoni", anke jekk ifformulata bi kliem mhux ghal kollox precizi bhal dawk ta' l-istanza l-ohra deciza mill-Bord. Ma' din il-proposizzjoni l-Qorti ttendi biex tikkonkorda ghar-ragunijiet li ser isegwu:

L-ewwelnett, l-essenza ta’ talba ghar-ripresa tal-pussess ta’ fond trid tkun ghal xi wiehed mill-motivi rikonoxxuti mil-ligi specjali fl-Artikolu 9 (a) tal-Kapitolu 69. Meta allura l-appellanti qed ighidu illi l-intimat, kerrej taghhom, ma jistax izjed juza l-garaxx ghall-iskop illi ghalih nghatalu b’kera huma m’humiex hlief jintendu illi din il-qaghda hi wahda parifikatorja ghal dak tan-non-uzu tieghu, jew almenu ghall-allegazzjoni sottintiza ta’ uzu divers, u, in kwantu tali, ekwipollenti ghall-kambjament fid-destinazzjoni tieghu. Fir-rigward il-kazistika hi wahda pacifika. Minn din l-ottika l-lokuzzjoni diversa wzata mill-appellanti f’dan il-kaz ma tistax ma tircevix is-sinjifikat ta’ dik l-identika kawzali fil-kawza l-ohra deciza mill-Bord fis-sentenza tas-27 ta’ April, 2005. Fil-verita, imbaghad, ir-rizerva maghmula mill-Bord f’din l-istess sentenza fis-sens li zammet ferma kull jedd iehor tar-rikorrenti ma jistax ikun ta’ soljev ghat-tezi ta’ l-appellanti in kwantu dik l-istess rizerva ma kienetx certament taghtihom id-dritt li jirriproponu kawza bejn l-istess partijiet u bl-istess talba fuq l-istess kawzali sostanzjali tal-kawza l-ohra li ghaddiet f’gudikat;

Maghmula din il-konsiderazzjoni jifdal li jigi verifikat jekk, kif kontez mill-appellanti, jissussistix fil-konkret il-mutament ta’ dawk ic-cirkustanzi li kienu jintitolaw lill-appellanti jirriproponu l-kawza anke ghab-bazi ta’ l-istess identika kawzali. Verifika bhal din tinnecessita li l-Qorti tezamina jekk ic-cirkustanzi tat-tieni kawza tbiddlux minn dawk ta’ l-ewwel wahda ghall-iskop ta’ l-applikazzjoni tar-*res judicata*;

Jezistu certament kazijiet meta talba ghat-tehid lura tal-pussess ta’ fond li tkun giet rigettata tista’ terga’ tigi ripetuta. F’din it-tipologija jaqghu f’materja ta’ lokazzjonijiet dawk il-kazijiet x’aktarx impernjati fuq il-kawzali tal-“bzonn”. Ara b’ezemplari f’dan il-kuntest is-sentenzi fl-ismijiet “**Angelo Bartolo -vs- Concetta Lautier**”, Appell, 29 ta’ April, 1966 u “**Peter Paul Muscat -vs- Giuseppe Muscat**”, Appell, 30 ta’ Gunju, 1975. Proprju fid-decizjoni l-ohra fuq citata fl-ismijiet “**Mizzi -vs-**

**Sacco**" (31 ta' Mejju, 1996) il-Qorti ta' l-Appell kienet irribadiet li jezistu azzjonijiet li ma jiddefenux ir-relazzjonijiet guridici bejn il-partijiet b'mod definit u irrevokabbli imma biss li s-sentenza tiddetermina l-istat ta' dritt fil-mument li tinghata. Ziedet tghid illi jekk allura jkun hemm tibdil sostanzjali tac-cirkustanzi dan jista' jwassal ghal kambjament fir-*res* tal-kawza minn dik li giet deciza bl-ewwel kawza;

Huwa tajjeb li wiehed izomm in mira dak avvertit u sostenut f'dawn is-sentenzi fis-sens illi dak it-tibdil tac-cirkustanzi jridu jkunu "sostanzjali", jew "specjali" jew "tibdil rilevanti fic-cirkustanzi ta' fatt". Ara wkoll "**Maria Gulia *et* -vs- Domenico Caruana**", Appell, 27 ta' Jannar, 1961;

Mill-perspettiva ta' l-aspetti appena sottolinejati din il-Qorti ma tarax kif il-fatt li l-appellanti ottjenaw rizultat favorevoli fil-kaz l-iehor vis-a-vis it-terran (Rikors Nru. 53/02) jista' b'xi mod jincidi fuq l-eccezzjoni tal-gudikat ghab-bazi ta' xi kambjament sostanzjali. Dik id-decizjoni li aderiet ghat-talba taghhom fir-rigward ta' dak il-fond partikolari ma tistax remotament tigi tradotta, ghal daqshekk biss, bhala xi cirkustanza rilevanti incidenti fuq id-destinazzjoni tal-garaxx. Sincerament, il-Qorti mhix wisq impressjonata mill-argoment illi la l-intimat gie zgumbrat mit-terran, *ergo* din ic-cirkustanza kellha jkollha xi riflessjoni avversa fuq l-uzu u d-destinazzjoni tal-garaxx. Dan ghaliex jekk dak il-garaxx kien jintuza ghal hazna fih tal-mobbli eventwalment irkantati mill-fond l-iehor li minnu l-kerrej gie sfratt, ma jfisserx illi dan ma jibqax potenzjalment hekk utilizzat ghal dak l-istess skop ghax jista' jaghti l-kaz li l-mobbli magazzinati fih jigu rkantati minn fond alternattiv. Frankament, l-ebda djalettika ma ssalva t-tezi fl-argoment propunjat mill-appellanti. Mhux il-kaz, lanqas, li fuq din il-bazi din il-Qorti tallontana ruhha mid-decizjoni tal-Bord, anke jekk issa gew minnha zviluppati konsiderazzjonijiet xort'ohra u, ukoll, ben diversi minn dawk ta' l-istess Bord fis-sentenza appellata;

Raggunta din il-konkluzjoni mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha biex tinvesti l-eccezzjoni dwar jekk ir-rikorrenti ezonerawx ir-rimedji kollha ghad-disposizzjoni taghhom, anke ghaliex ma jidherx li tezisti n-necessita li taghmel dan meta l-kwestjoni b'dik l-eccezzjoni kien strettament koinvolt u assorbit bl-ewwel eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------